**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 49 - L-ERBGĦA 26 TA' JANNAR 2023**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:57.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fis-18:00) |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Viċi Sindku li ta r-raġunijiet għaliex ma jistax jattendi. Il-Kunsill qies l-assenza tiegħu bħala ġustifikata. Informa wkoll li l-Kunsillier Gatt se jasal tard għal-laqgħa.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Is-SE informa li l-**laqgħa numru 46 ma saritx minħabba raġunijiet ta' mard.** Ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 47 li saret l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2022** li kienu meqjusa moqrija.

2.2 Il-minuti ġew approvati (*nem com*) wara proposta mill-Kunsillier Cuomo, issekondata mill-Kunsillier Spiteri.

**3.** **KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-kommunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fit-12 u t-13 ta' Diċembru s-Sindku u s-SE kellhom stedina fi Sqallija fejn se jsir kollaborazzjoni bejn in-Naxxar u Scicli. Din iż-żjara kienet ffinanzjata mill-Concommercio Scicli bħala parti minn ħidma biex iqarrbu l-kummerċ bejn Malta u Sqallija. Infurmat li għal laqgħa li jmisss se tiddiskuti aktar fid-dettal dwar dan il-ġemellaġġ.

3.3 Fid-5 ta' Jannar is-Sindku attendiet għal konferenza stampa fuq Skemi Proġetti fil-Kommunitajiet mill-LESA. F'dan il-proġett se jsiru fanali dekorattivi fit-Triq Castro, l-parti l-antika ta' Triq Markiż Scicluna, Pjazza Toni Bajjada fi Sqaq numru 5 u Sqaq numru 6.

3.4 Fit-13 ta' Jannar hi kienet mistiedna għal ftuħ uffiċċjali tal-Mużew Parrokjali. Is-SE u l-Kunsillieri kienu mistiedna wkoll.

3.5 Fis-16 ta' Jannar kellha laqgħa ma' Infrastructure Malta fuq il-lista ta' toroq fejn se jibdew ix-xogħlijiet. Is-SE informa li fil-jiem li ġejjin se jirċievi l-minuti tal-laqgħa u l-lista ta' xogħlijiet tat-toroq aġġornata. Hu informa li f'April se jibdew ix-xogħol fit-Triq Leli Falzon.

*3.6* Fit-18 ta' Jannar il-Public Works ikkomunikaw mas-Sindku li beda x-xogħol fuq il-pavimentar ta' Ġnien Santa Marija tal-Anġli f'Baħar iċ-Ċagħaq. Il-Kunsillier Cuomo bgħatet ritratti lis-Sindku li jikkonfermaw li x-xogħlijiet bdew.

*3.7* Fil-25 ta' Jannar is-Sindku kellha talba biex it-trasport pubbliku jerġa' jibda jgħaddi mit-toroq ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Ikkomunikat ma' Public Transport u ġiet infurmata li r-residenti stess fil-passat kienu talbu u għamlu petizzjoni biex titneħħa din ir-rotta. Dan minħabba li biex tgħaddi tal-linja kellhom jitneħħew ammont ta' parkeġġi u kien qed isir storbju minn fejn kienu qed jgħaddu. Għaldaqstant dan is-servizz kellu jitwaqqaf.

**4.** **TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**5.** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI**

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/48) anness f'appendiċi A.

5.1.2 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/49) anness f'appendiċi B.

5.1.3 Lista ta' dħul tax-xahar ta' Novembru anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4 Lista ta' dħul tax-xahar ta' Diċembru anness f'appendiċi D

5.1.5 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Novembru anness f'appendiċi E.

5.1.6 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Diċembru anness f'appendiċi F.

5.1.7 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Novembru anness f'appendiċi Ġ.

5.1.8 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Diċembru anness f'appendiċi G.

5.2 Il-Kunsill approva r-rapporti (*nem con*) fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Deguara.

**6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI**

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret it-Tnejn 16 ta' Jannar 2023 (anness f'appendiċi GĦ).

6.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem con*) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

**7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret it-Tnejn 16 ta' Jannar 2023 (anness f'appendiċi H).

7.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

**8. RAPPORT FINANZJARJU 2022**

8.1 Preżenti għal-laqgħa kien hemm l-*accountant* tal-Kunsill.

8.2 Kienu s-18:00 fejn dan il-ħin wasal il-Kunsillier Gatt.

8.3 L-*accountant* u s-SE spjegaw fid-dettal ir-rapport finanzjarju għas-sena 2022.

8.4 Is-SE informa li dan huwa l-ewwel approvazzjoni qabel ma jkun verifikat. Wara, jista' jkun hemm aġġustamenti li joħorġu mill-verifika u allura jkun meħtieġ il-konferma finali mill-Kunsill. Serraħ ras il-Kunsill li għalkemm normali li jkun xi aġġustamenti, qatt ma kien il-każ li xi aġġustamenti bidlu r-riżultat tar-rapport u allura kien konvint li s-sitwazzjoni finanzjarja li qed tiġi ppreżentata kienet dik reali.

8.5 Ir-rapport kien approvat (*nem con)* wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

**9. BAĠIT 2023**

9.1 Is-SE informa li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2023 kienet żdiedet biss b'madwar Eur9,000 li kienet żieda vera żgħira. Fakkar li l-anqas ma kienet biżżejjed l-allokazzjoni għas-sena 2022 aħseb u ara kemm dan l-ammont se jkopri ż-żidiet kollha, inkluż salarji.

9.2 Dan għamilha diffiċli biex numru ta' ideat ta' inizjattivi jiġu inklużi u allura ftit li xejn hemm fejn wieħed jimraħ fil-baġit li kienet qiegħed jitressaq.

9.3 Huwa żied li dan ma jfissirx li proġetti ma jsirux għaliex jista' jkun li jinkisbu fondi minn sorsi differenti.

9.4 Il-baġit imbagħad kien approvat (*nem com*) wara proposta mill-Kunsilliera Cuomo, issekondata mill-Kunsillier Brincat (annessi Ħ, I, IE).

**10. PJAN TA' TLIET SNIN**

10.1 Is-SE informa li ma kien rċieva ebda kommunikazzjoni mill-Kunsillieri dwar dan. Żied jgħid li fuq dan hemm bżonn ta' taħdita.

10.2 Is-Sindku żiedet tgħid li din ma kinitx l-ewwel darba li s-SE talab minnhom dwar il-pjan ta' tliet snin u li kien baqa' bla risposta.

10.3 Hi nfurmat li wieħed mill-pjanijiet tal-Kunsill għandu jkun li parti mill-Pjazza ssir pedonali. Żiedet tgħid fuq il-komunikazzjoni man-nies

10.4 Is-SE informa li l-applikazzjonijiet fuq l-iskemi tal-Gvern se jinbidlu però s'issa m'għandux informazzjoni dwar dan allura il-pjan għandu jiffoka fuq ħtieġa ta' proġetti li jistgħu jinkisbu fondi addizzjonali.

10.5 Il-Kunsillier Brincat semma dwar proġetti li għadhom pendenti. Dawn huma l-ġnien ta' Baħar iċ-Ċagħaq u l-art tal-madwar il-Mitħna. Żied jgħid li jkun importanti li l-Kunsill jiffoka aktar fuqhom. Fakkar li ż-żewġ partiti jaħdmu fuq il-manifesti li wara kollox n-nies ivvutaw għalihom u li allura l-pjan għandu jkun mibni fuq dawn il-manifesti.

10.6 Il-Kunsillier Spiteri saħaq li r-residenti l-aktar li għandhom bżonn huwa post fejn isib il-parkeġġ. Semma' l-art fejn kellha ssir *disability hub* u li s'issa għadu ma sar xejn. Żied jgħid li isfel jista' jiġi parkeġġ għan-nies u fuq isir ġnien bħala *open space*. Ippropona li l-Kunsill għandu jinsisti mal-Gvern biex jagħti din l-art lill-Kunsill kif ukoll jagħti l-fondi meħtieġa.

10.7 Is-SE fakkar li għal kull ħaġa li ssir dejjem trid tissagrifika xi ħaġa oħra u allura importanti li l-Kunsillieri jiffukaw fuq prijoritajiet vera u ma jħallux il-pressjoni mir-residenti li żżommhom minn viżjoni bi pjan u prijorità fit-tul. Dan għaliex mhux kulħadd għandu l-istess prijorità iżda l-Kunsillieri għandhom jaċċertaw li jieħdu deċiżjonijiet li jsarrfu f'benefiċċju fit-tul għal-lokalità u l-maġġoranza tar-residenti.

## 11. PERFORMANCE BONUS GĦALL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

11.1 Fir-rigward tal-impjegati is-Sindku staqsiet lis-SE dwar il-*performance* tagħhom.

11.2 Is-SE informa li l-ħaddiema klerikali kollha jieħdu interess kbir f'xogħlhom u jagħmlu dak kollu li huwa mistenni minnhom u aktar. Għalhekk huwa jħoss li ħaqqhom *performance bonus* sħiħ.

11.3 Is-Sindku wkoll ikkonfermat li hija tħoss li s-SE ukoll ħaqqu jingħata l-*performance bonus* sħiħ għall-impenn li juri f'xogħlu.

11.4 Is-Sindku għalhekk ipproponiet li kemm is-SE kif ukoll l-istaff jingħataw il-performance bonus sħiħ. Issekondaw il-Kunsillieri kollha preżenti u għalhekk għaddiet unanimament.

## 12. CONVENT OF MAYORS – TKT #52031

12.1 Is-SE informa li se jgħaddi d-dokument li issa skada sabiex il-Kunsill ikollhom idea fuq x'hiex inhu.

12.2 L-imejl kienet ntbgħatet lil Kunsillieri kollha. Is-Sindku nfurmat li rigward dan se jidħlu iżjed fid-dettal.

## 13. TIBDIL FIR-RESPONSABBILTAJIET TAL-KUNSILLIERI

13.1 Is-Sindku infurmat li għalkemm mhux tema fl-aġenda se tkun qed tgħati r-responsabiltà tal-kummerċ lill-Kunsillier Deguara.

13.2 Il-Kunsillier Spiteri informa li xtaq jitkellem mal-Kunsillier Deguara dwar nuqqasijiet li jara mill-istabilimenti.

13.3 Is-SE fakkar li l-iskop hu li l-Kunsill jgħin lin-negozji biex jiffjorixxu iżda li min-naħa tagħhom iridu jaħdmu id f'id mal-Kunsill biex ma joħolqux inkonvenjent lir-residenti.

## 14. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

14.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 22 ta' Frar fis-17:45.

14.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-18:43.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

# LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

25 ta' Jannar 2023

## Minuti

**Post:** Sala tal-laqgħat, Kunsill Lokali

**Ħin:** 19:30

**Preżenti:**

*Kunsillieri:*

- Anne Marie Muscat Fenech Adami (Sindku)
- Marlon Brincat
- Mary Anne Cuomo
- Mark Anthony Deguara
- Joseph Spiteri
- Noel Gatt
- Ivan Gaffiero
- Stephen Abela

*Uffiċjali tal-Kunsill:*

- Paul Gatt (Segretarju Eżekuttiv -*SE*)
- Gloria Debono
- Charmaine Calleja
- Benyon Borg

*Pubbliku:*

- Perit Robert Fenech
- Anthony Borg
- Joseph Sammut
- Mary Mangion
- Dr. Charles Grech
- Anthony Laferla
- Mark Manfre
- Roger Baldacchino
- Elisabeth Baldacchino
- Michael Scicluna
- Daniel Farrugia

**Il-laqgħa kienet trasmessa online fuq il-paġna ta' FB tal-Kunsill**

1. Saret introduzzjoni mis-Sindku (anness f'A).

2. Ingħata rapport tal-ħidma mis-Segretarju Eżekuttiv (anness f'B). Dan ir-rapport kien kumplimentat minn preżentazzjoni fuq powerpoint b'diversi ritratti.
3. Is-Sindku stiednet lil dawk preżenti biex jgħaddu l-kummenti tagħhom. Dawk preżenti kienu mitluba biex jgħidu isimihom u t-triq li ġejjin minnha biex wieħed jifhem aktar il-kuntest tal-kummenti.

**<u>Joseph Sammut</u> – Wesgħet il-Frott** – Ilmenta mill-Bring in site li hemm u li dawn qed joħolqu inkonvenjenza tant li qed isibha diffiċli jbiegħ id-dar. Ma jifhmix għaliex minn Triq tal-Labour kienu tneħħew u tpoġġew hemm. Jiġu jbattlu l-fliexken f'ħinijiet tal-lejl u qed ikunu kaġun ta' storbju. Qal li jinsabu biss 9m bogħod mir-residenzi tagħhom.

> *Kien spjegat li l-liġi tal-ERA tispeċifika minimu ta' bring in sites fil-lokalità u allura l-Kunsill huwa kostrett b'ammont minimu. Jeżistu gwidi li jgħidu li jridu jkunu f'distanza li ma tkunx imbegħda wisq mir-residenzi iżda mhux eżatt ħdejhom. Dwar ta' Triq tal-Labour kien spjegat li dawn ilhom ħafna snin li tneħħew u raġuni li tneħħew kienet li minkejja li kien hemm is-CCTV's u joħorġu ċitazzjonijiet, il-pubbliku xorta kien għamel iż-żona miżbla. Il-fatt li kienet imbegħda wisq mir-residenzi kienet waħda mill-fatturi li kienet abbużata. Il-Kunsill se jkun qiegħed jikkonsidra t-talba mressqa.*

**<u>Mary Mangion</u> – Pjazza Celsi** – Qed ikun hemm coaches tat-turisti li jieqfu fi Pjazza Vitorja fejn il-Palazz li joħolqu inkonvenjent. Temmen li hemm bżonn pelican crossings fil-Pjazza (Vitorja) u li l-ħin tal-qsim ikun itwal minħabba li nies bħal anzjani jridu aktar ħin biex jaqsmu. Semmiet li qed ikun hemm ħafna trakkijiet tal-iżvilupp tal-parkeġġ tat-tradefair li qed ikissru t-toroq. Dwar dan irreferiet għall-entratura minn naħa ta' Triq San Pawl direzzjoni lejn is-sit fejn qegħdin isiru x-xogħlijiet tat-Trade Fair u li t-triq allegatament saret perikoloża b'ħafna trakkijiet deħlin u ħerġin, dejjem bil-biża li jinħoloq xi inċident ikrah. Is-Sinjura talbet li din it-triq tkun f'direzzjoni waħda.

> *Dwar il-pelican crossings diġà kienet saret talba mill-Kunsill lil TM li min-naħa tagħhom għamlu studju li kkonkluda li mhux addattati għal hemm għal numru ta' fatturi. Dwar il-kumplament se nkunu qed nindagaw u nieħdu l-azzjoni neċessarja.*

**<u>Dr Charles Grech</u> – Sqaq l-Imnieqa** – Informa li ma kienx irċieva flyer tal-laqgħa. Informa li hemm passaġġ li hemm ħafna ħaxix li għandu bżonn ftit qtugħ. Is-siġar taż-żebbuġ fi Triq Margaret Murray mhux addattati fuq strippa dejqa f'dik it-triq; iwaqqgħu żebbuġ u jagħmlu t-triq tiżloq u jiftħu ħafna li jispiċċaw jitqaċċtu. Rigward il-proposta għal ġnien fejn Triq l-Imdina tgħaqad ma' Triq tal-Labour, hemm siġra tal-ballut li għandha tiġi protetta. Fi Triq il-Għargħur konfini mal-Għargħur hemm mitħna privata u li kien qiegħed jissuġġerixxi li ssir ir-raddiena, anki jekk issir għall-estetika biss. Semma r-redans (*irrefera għalihom bħala trunċieri)* li għandhom bżonn li xi ħadd jieħu ħsiebhom biex ikunu protetti minħabba li huma parti minn fortifikazzjoni tal-kavallieri. Hemm bżonn li tibqa' ssir il-pressjoni fuq l-inċineratur għaliex mhux konvint li dan mhux se jagħmel ħsara lir-residenti u lill-biedja. Il-Kunsill għandu jara minn issa li l-iżvilupp għat-tradefair (fuq ġewwa) għandu jkun tali li jirrestawra u jikkonserva l-ġnien u s-siġar. Semma l-ħtieġa ta' immaniġġjar tal-kampanja u fl-aħħar li jkun hemm *pelican crossings* fil-bye pass b'mod li wieħed ma joqgħodx itawwal iżżejjed. Issuġerixxa wkoll crossings fejn il-Knisja ta' San Pawl.

> *Is-Segretarju Eżekuttiv informa li f'laqgħa li kellhom is-Sindku u hu ma' IM ftit ilu hu kien infatti ġibed l-attenzjoni dwar is-siġar propju għall-istess raġunijiet. IM qalu li ma jarawx li ż-żebbuġ li jaqa' huwa f'tant ammont li jiġi perikoluż filwaqt li fir-rigward li jintlaqtu qalu li se jiżbruhom regolari biex jitilgħu il-fuq. Fir-rigward tar-raddiena tal-mitħna s-SE informa li*

*peress li hija mitħna privata jkun kważi impossibbli li jintervjeni. Dwar il-crossings fejn il-Knisja ta' San Pawl is-SE infurmah li kienet saret talba lil TM u ġiet rifjutata minħabba li skont TM il-post mhux addattat. Dwar il-kummenti l-oħra kien infurmat li ttieħdet nota biex il-Kunsill jikkonsidrahom.*

**<u>Anthony Laferla</u> – Triq Jules Verne** – Qed ikun hemm ħafna sewqan eċċessiv fit-triq. Issuġġerixxa li ssir speed camera imma li l-veloċità ma tkun baxxa bħal ta' Ħat-Attard iżda tkun 70 jew 80 km. Semma x-xogħol li qiegħed isir tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u li qed ikun ta' inkonvenjent minħabba li qed jitħalla ammont ta' materjal u t-trinka mhux magħluqa sew. Semma li t-triq hija wkoll mudlama.

*Is-SE informa li fir-rigward tat-trinek tal-KSI għad hemm ammont kbir ta' xogħol xi jsir iżda xorta se tinġibed l-attenzjoni tagħhom biex inaqqsu l-inkonvenjent. Dwar il-veloċità infurmah bid-diffikultà biex tkun installata speed camera u kemm issib reżistenza mill-pubbliku, inkluż wara kollox minnu stess li kien qiegħed jammetti li ta' postijiet oħrajn ħżiena imma ried waħda viċin id-dar tiegħu. Infurmah ukoll li dawn jistgħu isiru biss a bażi tal-veloċità permessibbli mill-liġi u li l-limitu li qed jipproponi hu huma għal toroq maġġuri u mhux lokali.*

**<u>Mark Manfre</u> – Triq Jules Verne –**Kien ilu li ġibed l-attenzjoni li madonna li kienet fuq it-tarf tar-redan fi Triq John Adye tneħħiet u qatt ma reġgħet tpoġġiet. Allega li mill-Kunsill kienu qalulu li jafu li inqalgħet biex tiġi restawrata.

*Is-SE informa li ma kellu l-ebda informazzjoni dwar min u għaliex inqalgħet u ma setax jifhem kif jistgħu mill-Kunsill ituh tali informazzjoni.*

**<u>Roger Baldacchino</u> – Triq ir-Raħeb Kurradu** – Issuġerixxa li fejn iż-żona fi Triq Jules Verne fejn hemm l-istatwa tal-Madonna għandha ssir tabella biex ma tħallix it-traffiku jdur fuq il-lemin. Issuġerixxa rawndebawt żgħira fejn iż-żona ta' fejn il-ħanut Zaky's. Ikkumenta li l-iskart organiku qed jinġabar tard għal ħabta ta' nofsinhar u li fis-sajf aktarx li jkun problema minħabba s-sħana. Informa li kien hemm litter bin fejn il-ħanut S&D Food Store (ex-country corner) li tneħħa. Semma li hemm letterbox fiż-żona ta' Zaky's li m'għandiex biżżejjed indikazzjoni li hija tali. Talab li titpoġġa tabella tal-isem tat-triq fit-triq tagħhom minħabba li ħafna ma jirrealizzawx li dik hija kontinwazzjoni ta' Triq ir-Raħeb Kurradu.

*Dwar il-letterbox se tinġibed l-attenzjoni ta' Posta Ltd filwaqt li t-tabella tal-isem tat-triq tiġi ordnata. Dwar il-kumplament il-Kunsill se jkun qiegħed jindaga, janalizza u jieħu l-passi skont il-każ.*

**<u>Elisabeth Baldacchino</u> – Triq ir-Raħeb Kurradu** – Issuġġeriet aktar parkeġġ fejn hemm il-bring in site fejn il-knisja tal-Ħniena Divina.

*Ittieħdet nota biex tkun ikkunsidrata.*

**<u>Michael Scicluna</u> – Triq il-Konti Manduca** – Fi Triq Abate Savoia suppost saret rampa fil-kantuniera u minkejja li ilu jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill baqgħat ma saritx. L-istat tal-bankina fi Triq Vincenzo Bugeja huwa diżastruż u perikoluż, litteralment ma tistax timxi fuqu.

*Kien konfermat li l-bankina ta' Triq Vincenzo Bugeja huma fi stat ħażin minħabba numru kbir ta' diżlivelli u turġien. Is-SE informa li soluzzjoni m'hijiex faċli iżda l-Kunsill se jkun qiegħed janalizza u possibilment isolviha. Dwar ir-rampa ta' Triq Abate Savoia is-SE se jkun qiegħed jara l-każ.*

**<u>Perit Fenech</u> – Triq San Timotju** – tkellem dwar l-applikazzjoni tal-Enemalta fil-post ta' fejn suppost inbiniet id-disability hub.

> *Kien infurmat dwar is-sitwazzjoni fis-sens li meta ddaħħlet l-applikazzjoni kienet pjuttost tiżgwida u allura l-konsulenti ma setgħux jinnutaw l-estent tal-proġett. Appena l-Kunsill sar jaf intbagħatet oġġezzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.*

**Paul Gatt**

Segretarju Eżekuttiv 31 ta' Jannar 2023

Introduzzjoni mis-Sindku

Sinjuri,

Insellmilkom u nilqagħkom għal din il-laqgħa tal-lokalità.  Peress li se nkunu qed nitkellmu fuq dak li sar matul is-sena li għadha kemm għaddiet, tajjeb li nibda billi nsellem il-memorja ta' żewġ persuni li servew bħala Kunsillieri fil-passat u li ħallew din id-dinja matul is-sena l-oħra.  Dawn huma Carmel Mifsud u Guzeppi Catania.

Grazzi tal-prezenza taghkom ghal din il-Laqgha Pubblika.  Illum, il-Kunsill flimkien mal-Amministrazzjoni qeghdin hawn sabiex ninfurmakhom fuq dak kollu li qieghed issir u dak li rridu nwettqu fiz -zmien li gej fil- lokal taghna. Miniex ser nidhol fit-dettal x'sar matul is-sena li ghaddiet, ghax dak ser inhallih f'idejn is-segretarju ezekuttiv. Ser insemmi biss xi punti li fl-opinjoni tieghi inhoss li huma ta' importanza. Fiz-zgur hemm hafna aktar xi ssir, kultant certu affarijiet ma ssirux jew ghax m'ghandiex  kontroll fuqhom, jew ghax ma jaqghux tahtna, jew ukoll, ghax ma jkollniex fondi bizzejjed biex inwettquhom. Huwa fid-dmir taghna li nisimghu u nikkunsidraw kummenti kostruttivi, pero l-aktar haga li tweggani huwa it-tmaqdir ul- kummenti b'certu negattivita. Kultant nistahbew jew imqadru fuq il-mezzi socjali minghajr ma nkunu kostruttivi u minghajr ma nressquhom il-kunsill biex jigu analizati. Din il-laqgha tal-lum tigi organizzata u taghti l-opportunita sabiex naqsmu l-idejat u anki problemi sabiex flimkien insibu soluzzjonijiet.  Ghalhekk minn hawn nistieden li aktar tard min irrid jaghmel intervent jaghmlu.

Is-sena li ghaddiet kienet wahda impenjattiva hafna ghal kunsill, kellna diversi diskussjonijiet mal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex jitwaqqaf minnufih l-applikazzjoni biex issir temporary Caravan site fil-Coast road. Din l-applikazzjoni saret minghajr konsultazzjoni maghna.  Minn naha taghna ghamilna wkoll konferenza stampa, u bl-insistenza taghna dan il-permess gie rrevokat. Prezentament ghadna nistennew mil-Gvern biex jahdem fuq Policy Nazzjonali biex dawn l-Caravans jkollhom post adekwat fejn jitpoggew.

Il-Kunsill jemmen fi Kwalita' ta' hajja ahjar... hajja attiva.. Kulħadd jaf kemm l-eżerċizzju huwa importanti, u ghalhekk fil-gimghat li gejjien ser jinfetah ufficjalment l-open gym fis-Saghjtar. Din l-inizjattiva se tkun qed tgħin sabiex fin- Naxxar jinfethu aktar postijiet bis-spazji miftuhin.

Il-kunsill pprezenta pjanijiet sabiex jinfetah gnien f'Labour avenue.  Ghad hemm xi intoppi li ghad rridu jigu ccarati, nisperaw li fiz-zmien qarib nkunu nistghu nwettqu dan il-progett.

Gnien iehor ppjanat huwa dak f'San Pawl tat-Targa fejn ser jigi mghammar bandli ghal tfal.

Ircevenja ukoll fondi li se jintużaw biex jiġu installati tmienja u għoxrin fanal dekorattiv bi stil tradizzjonali. Dawn se jkunu installati fi Triq il- parti l-antika ta' Triq il-Markiz Scicluna, Sqaq nru 6 u Sqaq nru 5 fi Pjazza Toni Bajada.

Ghamilna applikazzjoni ghal fondi sabiex nirrinovaw il-bandli ta quddiem il-Kunsill, dan sabiex dan jitghammar b-aktar apparat modern u sikur.

Il-holma tal-Kunsill hi sabiex jkollna Pjazza mimliha ĦAJJA, fejn il-komunità TILTAQA', fi spazju RIKREATTIV b'attivita kontinwa u ta' livell! PJAZZA GĦAN-NIES u ghal FAMILJI..., proġett li ghad hemm resistenza sabiex ma jsirx..Bhala kunsill ser nibqghu ninsistu sabiex ikollna pjazza li tigawda u mhux pjazza li jghaddi t-traffiku minnha.

Bhalissa qed isir studju fuq it-Traffiku li jghaddi minn Naxxar. Il-vizjoni tal-Kunsill hu li jitfassal pjan sabiex dan it-traffiku jonqos u l-pjazza titgawda min-nies.

Kellna diversi laqghat mal-Ministru tal-Ambjent fejn iddiskutejna postijiet fejn jista jkollna aktar spazji miftuha. Dawn il-laqghat ser ikomplu biex nazziguraw li dawn il-progetti jitwettqu.

Il-Mithna tal-Ghaqba hi l-gojjel tan-Naxxar, u tan-Naxxarin.... hdimna fuq li hdimna u dan rrizulta f'success.

Din hija waħda mit-tliet imtieħen ta' żmien il-Granmastru Ramon Perellos, u se tinfetaħ għall-pubbliku bħala ċentru kulturali u attrazzjoni turistika.  Dan il-progett ser jaghmilna kburin, dan il-ghaliex fil-Lokal ser ikollna mithna li tahdem b'mekkanizmu b'parti minnu originali u li tista titgawda minn kullhadd.

Ghalhekk Sinjuri, dak kollu li semmejt huwa ftit mill-hafna progetti li ghaddejjin jew huma ippjanati. Il- Kunsill minkejja id-diffikultajiet li jiltaqa maghhom huwa kunsill habrieki u flimkien mal-Amministrazzjoni efficenti dejjem hadem fuq strategija li jkollna kwalita ta' hajja ahjar. Grazzi lil kull min ta sehem f'din il-hidma favur il-lokalita taghna.

B

# Laqgħa tal-lokalità 2023

# Rapport ta' ħidma – sena 2022

Waħda mill-iskopijiet ta' laqgħa bħal din hija li nagħtu rendikont tal-ħidma tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet inkluż deċiżjonijiet dwar xogħlijiet ippjanati li jitwettqu fix-xhur li ġejjin.

Se nkun qed nitkellem ukoll fuq l-isfidi finanzjarji u nispjega wħud mill-proċessi biex dak li jkun jifhem aktar ix-xogħol intern tal-Kunsill.

Nittama biss li dawk verament interessati mill-ġid tal-lokalità jieħdu ftit paċenzja bija u jibqgħu jisimawni ħalli qabel ma jmorru jiġru jikkummentaw ikunu għall-inqas ftit aktar infurmati u ma jaslux għal konklużjonijiet żbaljati.

Ħajja bla sfidi ma teżistix u din tgħodd ukoll għall-kunsill. Minkejja l-isfidi, xejn ma zammna milli nippersistu biex il-Kunsill jagħmel il-ħajja taċ-ċittadini tiegħu aħjar, avolja mhux kulħadd iħoss dan.

L-akbar sfida li l-kunsill kellu żgur kienet in-nuqqas ta' fondi. Kulħadd jaf kif splodew il-prezzijiet, u meta niddependu mix-xogħlijiet u servizzi li l-aktar li għolew, ma jistax ma jħallix impatt u diffikultajiet kbar biex inwettqu dak ippjanat.

Nibda għalhekk billi naghti hjiel dwar il-fondi allokati mill-Gvern Ċentrali. Għas-sena 2022 il-kunsill kellu zieda ta €19,252 fuq is-sena ta qabel, ċoè 1.7% aktar mis-sena 2021. Din qas kienet biżżejjed biex tkopri l-għoli tal-prezzijiet kif għolew fl-2021, aħseb u ara kemm kienet taħseb għall-għoli tal-prezzijiet għas-sena ta' wara.

Ħa nkun ċar; il-prezzijiet ma jgħolewx b'kappriċċ u jkunu ġejjin minn numru kbir ta' fatturi, ġeneralment lil hinn minn xtutna. Infatti l-akbar daqqa li ħadna hija prinċipalment kaġun tal-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna li effettwat id-dinja kollha. Għalkemm inqas minn ħafna pajjiżi oħra, l-inflazzjoni f'pajjiżna qabżet is-7%!

L-inflazzjoni hija indikazzjoni taż-żidiet li jiffaċċja konsumatur kwalunkwe fuq xiri biex jgħix; hija riflessjoni fuq iż-żidiet ġenerali, li aktarx, fejn jidħlu xogħlijiet fuq proġetti, minħabba n-natura ta' materjal meħtieġ minn barra, ż-żidiet kienu ferm aktar.

Dan allura jfisser li bl-istess flus il-Kunsill kellu biex jagħmel ferm inqas. Tant kienet kbira d-differenza fil-prezzijiet li din is-sena saret xi ħaġa li rari, jekk qatt, ġrat. Normalment meta kuntrattur ikun ftiehem fuq prezz, dak il-prezz ma jinbidel għall-ebda raġuni. B'effett minn April 2022 il-Gvern iddeċieda li l-prezzijiet ta' kuntratti ta' xogħlijiet fis-seħħ jiżdiedu biex jagħmlu tajjeb għall-għoli ta' prezzijiet minn barra li sofrew il-kuntratturi.

Għalhekk, il-pubbliku għandu jifhem li bħalma familja b'mod responsabbli tara li timmaniġġja l-flus b'għaqal u li tqassam skont il-bżonnijiet, l-istess għandu obbligu li jagħmel il-Kunsill biex jara li jqassam il-fondi tiegħu skont prijoritajiet. Nifhem u napprezza li mhux kulħadd għandu l-istess prijoritajiet iżda huwa hawnhekk fejn il-Kunsill Lokali għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jissettja hu l-prijoritajiet skont ħsieb u strateġija fit-tul u li jkun jemmen li taqdi l-akbar numru ta' ċittadini possibli.

Nistħajjilkom tgħidu allura b'dawn id-diffikultajiet finanzjarji kollha kif isiru l-proġetti? Matul is-sena d-dipartiment tal-Gvern Lokali joħrog skemi ta' finanzjament għal diversi tipi ta' proġetti. Iżda anki hawn l-isfortuna tkun li dawn l-iskemi ma jiffinanzjawx il-proġetti fl-intier tagħhom. Il-Kunsill jispiċċa f'dilemma li jrid japplika għall-fondi u fl-istess waqt jaf minn qabel li jrid inaqqas minn dak li għandu jkun allokat għas-servizzi biex jagħmel tajjeb għall-kumplament tal-iskema. L-istess jgħodd għall-fondi tal-Awtorità tal-Ippjanar taħt id-Development Planning Funds li jiffinanzjaw 70% biss.

L-iskemi huma kompetizzjoni u mhux kull min japplika jieħu l-fondi. Għalhekk sodisfatt ħafna li għal kull skema li applikajna għaliha rnexxielna nirbħu l-fondi.

Hawn min jaħseb ukoll li dawn il-fondi jinkisbu għal kull ħaġa li jimmaginaw; dawn ikunu fondi speċifiċi fuq setturi partikulari bi kriterji stabbiliti u allura applikazzjoni b'saħħitha titlob li timxi mal-kriterji stabbiliti u mhux tapplika għal kull ħaġa immaġinabbli.

L-iskemi li applikajna għalihom, kollha b'success, kienu:

**Skema għal titjib fil-Playing fields** – flus mirbuħa: €30,982.50 (minn massimu ta' €38,250)

Il-bandli ta' Ġnien Toni Vella huwa l-aktar bandli li jintuża s-sena kollha. L-apparat ta' dan il-bandli kien sar fl-2008 (15-il sena ilu) filwaqt li fl-2018 kien sar manutenzjoni tal-apparat biex intawlulu kemm nistgħu il-ħajja. Hija naturali li wara dawn is-snin kollha jiġrilu ammont ta' ħsara u l-Kunsill għandu obbligu li jaċċerta li jkun sigur għal uliedna u allura l-Kunsill kien se jkun kostrett jagħmel spejjeż anki kieku kienu kollha mill-fondi tiegħu; dan minħabba l-istat tiegħu.

Is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fil-jiem li għaddew u jekk kollox jimxi skont il-pjan qed nimmiraw li l-apparat ikun mibdul sal-aħħar ta' Lulju.

Peress li l-fondi huma minimi, l-ebda tibdil mhu se jsir fil-ġnien ħlief tal-apparat tal-bandli.

**Skema tal-proġetti kapitali –** flus mirbuħa: €107,000 (il-massimu possibli)

Il-Kunsill jinsab fl-aħħar fażijiet tal-proġett tal-Mitħna tal-Għaqba. Din ikkunsmatilna enerġija u investiment kbir. Hawn min jiddubita jekk il-Kunsill kellux jidħol għal dan l-investiment iżda min jagħmel hekk ikun qed jara biss sal-ponta ta' mnieħru u ma jkunx qed jifhem investiment x'inhu! Il-mitħna hija ġawra unika li mkien f'Malta ma ssib b'tali awtentiċità; wieħed se jkun qed jifhem aktar x'qed ngħid hekk kif tinfetaħ għall-pubbliku fix-xhur li ġejjin. Din se tkun qed iġġib ukoll numru ta' turisti fin-Naxxar li jgħinnu fit-tkabbir ekonomiku tal-lokalità.

Il-flus allokati mill-Ewropa mhux biżżejjed biex inwettqu x-xogħol kollu u għalhekk applikajna taħt din l-iskema biex nibnu l-lift u l-istruttura li ddawarha. L-istima tat-tekniċi għal dan ix-xogħol tlaħħaq il-€190,000. Propju llum għalqet is-sejħa tal-offerti però sfortunatament l-ebda kuntrattur ma tefa l-offerta. Huwa każ tipiku għaliex jitwalu l-proċessi għaliex issa se jkollna nerġgħu nippubblikaw is-sejħa wara li niddiskutu mat-tekniċi. Irrid ngħid li xorta waħda huwa maħsub li l-mitħna tinfetaħ għall-pubbliku qabel jitlesta l-lift.

**Fondi mid-Development Planning Funds** - €405,000

Ma dawn il-fondi rridu nsemmu l-applikazzjoni b'suċċess għall-fondi tal-Awtorità tal-Ippjanar għax-xogħol tal-mekkaniżmu tal-mitħna li waħdu jiswa €540,000. Tidher somma kbira ħafna, u hekk hi, iżda wieħed jifhem u japprezzaha meta jżur il-mitħna u jara x-xogħol li sar u l-materjal li intuża.

Hawn nieħu l-opportunità infakkar li l-Kunsill irid jgħaddi minn proċess rigoruż ta' xiri u li dawn ma jkunux kuntratti li jingħataw b'xi direct order. Dan il-prezz li semmejna kien l-irħas wieħed minn żewġ offerti separati, liema offerti jkunu sigrieti sakemm jinfetħu u jkunu pubbliċi wara.

**European Mobility Week**

Biex il-Kunsill Lokali jagħmel il-parti tiegħu flimkien ma' mijiet ta' bliet Ewropej, applika u rebaħ fondi li għalkemm huma ftit huma sinifikanti biex jgħaddi messaġġ lill-pubbliku. Il-fondi ta' din l-inizjattiva jingħataw biss skont kemm ikun nefaq il-Kunsill. B'għaqal u sagrifiċċju ħadna numru ta' inizjattivi interessanti li jinkludu:

- Diskussjonijiet pubbliċi online
- Attività sportiva
- Studju dwar it-traffiku li qiegħed ikun konkluż f'dawn il-jiem.

**Attivita' sajfija u dawl tal-Milied – €4,000 u €5,000**

Għal darba oħra l-Kunsill Lokali kien mistieden mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu biex japplika għall-fondi bħala għajnuna fid-dawl tal-Milied. Minkejja li jidhru ftit, għaliex il-Kunsill jonfoq ħafna aktart, dawn il-fondi jtaffu mill-ispejjeż kbar dejjem jiżdiedu biex insebbħu t-toroq tagħna matul dan iż-żmien sabiħ.

Aktar qabel, f'Awwissu, l-Kunsill kiseb fondi wkoll mill-istess Awtorita' tat-Turiżmu biex seta' jorganizza attivita' li organizzaha flimkien man-Naxxar Lions Football Club u li serviet għal ġbir ta' fondi għall-istess klabb.

**Skema Proġetti fil-komunitajiet mill-LESA –** flus mirbuħa: €52,395 (il-massimu mitlub)

Fost il-pjanijiet tal-Kunsill għal din il-leġiżlatura huwa li jkompli jsebbaħ iċ-ċentru storiku permezz ta' fanali dekorattivi kif kien installa fi Triq Santa Luċija fl-2019. Applikajna biex Triq Castro, il-parti l-antika ta' Triq il-Markiż Scicluna, Sqaq 6 u Sqaq 5 fi Pjazza Toni Bajada jinbidel id-dawl kollu b'fanali dekorattivi bħal ta' Triq Santa Luċija. L-ispiża hija kkalkulata li tlaħħaq is-€65,494 iżda l-ispiża eżatta nkunu nafuha wara li nirċievu l-offerti mingħand kuntratturi differenti li jgħażlu li jitfgħu l-offerta tagħhom.

Xtqana stajna ninkludu toroq oħra fil-village core bħal Triq il-Kbira u l-madwar, però wieħed jifhem li hemm limitu ta' fondi u ma jistax isir kollox f'daqqa. Dan ma jfissirx li dawn it-toroq ma jkunux kunsidrati aktar il-quddiem.

Ippermettuli nirreferi għal numru ta' kummenti fuq post riċenti fuq facebook fejn ħabbarna r-rebħ ta' dawn il-fondi; le l-fanali mhux se jkunu ndurati bid-deheb! Mhux se jkunu fanali minn dawk iż-żgħar li wieħed idendel fejn il-bieb ta' barra. Min qatt ma xtara prodott li jiflaħ għal snin twal tal-elementi naturali m'għandux idea ta' prezzijiet! Mhux prodott domestiku, huwa prodott li jrid jaħseb biex idawwal it-triq tajjeb bl-inqas konsum ta' elettriku possibli biex meta timxi tħossok sikur u ma jkollokx dlam jew dark spots, prodott li jrid joffri snin ta' garanzija. Jekk per eżempju tatu titwila lil investiment simili li kien sar fi Triq Santa Luċija 4 snin ilu tindunaw li dawn għadhom ġodda; minn dak iż-żmien għadha ma nqatatx bozza waħda.

U għal dak it-tali li allega commissions nerġa nfakkar fil-proċess li l-Kunsill irid jgħaddi minnu biex jixtri prodott jew servizz. L-offerti jkunu pubbliċi u l-Kunsill għandu obbligu li jagħżel l-irħas offerta li tkun tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.

**Skema għall-implimentazzjoni ta' mobiltà attiva u miżuri li jimpenjaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadin – Eur20,000**

Din hija skema minn TM li applikajna għaliha fl-aħħar tas-sena l-oħra u għadna qed nistennew ir-riżultat. Permezz tagħha l-Kunsill ikun jista' jimplimenta miżuri biex inaqqas il-veloċità tat-traffiku fin-Naxxar, fuq l-istess linji tal-proġett Slow Streets li l-Kunsill kien imbarka fuqu xi xhur ilu.

La qed insemmu dan is-suġġett, irrid insemmi l-ammont kbir ta' lmenti li jkollna minħabba t-traffiku, il-parkeġġ, u l-aktar pre-okkupanti il-veloċità li jsuqu biha numru ta' sewwieqa, anki f'toroq dojoq!

Dan tal-aħħar jippreokkupana ħafna għaliex konxji li dawn it-talin li jaħsbuhom xi Lewis Hamilton fil-Formula 1 (li sfortunatament qed jiżdiedu), donnhom mhux jirrealizzaw li f'idejhom għandhom arma letali għaliex mhux diffiċli tmur xi ħaġa żgħira żmerċ li tħalli persuna innoċenti mejta jew immobbli.

Biex il-Kunsill jasal għal soluzzjonijiet però jrid isib il-koperazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-pubbliku tiegħu.  F'dan ir-rigward kulħadd irid jagħmel is-sagrifiċċju tiegħu għaliex sfortunatment kull miżura li trid tiddaħħal biex trażżan lill-irresponsabbli awtomatikament se tolqot ukoll lil dawk responsabbli.

**Ġemellaġġ ma' Canicattì** – Applikajna wkoll b'suċċess biex nagħmlu ġemellaġġ mal-belt ta' Canicattì fi Sqallija wara kuntatti bejn iż-żewġ partijiet.  B'riżultat ta' dan, f'April se jżuruna 100 persuna u flimkien niddiskutu u nesponu l-kulturi ta' xulxin. B'hekk inkunu qed nifthu orizzoni ġodda għal negozji u għaqdiet lokali. Għal dan l-avveniment il-Kunsill se jkun qiegħed jieħu Eur17,000 mill-Ewropa u se nkunu qed napplikaw għal aktar fondi lokali mill-fond tal-ko-finanzjament. Wara dan tkun tista' ssir applikazzjoni biex grupp ta' Naxxarin iżuru Canicattì.

**Fondi mir-Reġjun** – In-Naxxar jagħmel parti mir-reġjun Tramuntana u bħala Kumitat Reġjonali, minkejja li wkoll għandu l-limitazzjonijiet tiegħu, offra għajnuna finanzjarja limitata lill-Kunsilli kollha tar-reġjun.  L-għajnuniet li offra kienu:

- Sistema ta' CCTV fil-bandli
- Għajnuna għall-attivitajiet tal-Milied u għall-kultura
- Tisħiħ tal-libreriji
- Għajnuna f'forma ta' reklamar lill-għaqdiet lokali
- Assistenza biex ninfurmaw lill-pubbliku dwar l-iskeda tal-ġbir ta' skart
- AED li tpoġġiet fl-għassa tal-Pulizija għall-użu tal-pubbliku

***SERVIZZI OFFRUTI MILL-KUNSILL***

Ħalli ngħaddu issa għas-servizzi li huma fl-obbligu tal-Kunsill.

Tajjeb nenfasizzaw li l-obbligi tal-Kunsill joħorġu mil-liġi tal-Kunsilli Lokali. Meta allura jkun hemm każijiet fejn il-Kunsill jgħid li xi ħaġa taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali ma jkunx qed jagħmel hekk biex ifarfar dik il-biċċa xogħol.  Ikun ifisser li l-Kunsill ma' jkollux jedd jaġixxi f'dik is-sitwazzjoni u f'ċertu każijiet ikun qed jikser il-liġi jekk jagħmel hekk.  Dan jista' jkun tindif, manutenzjoni u sinjali ta' toroq prinċipali, artijiet abbandunati u bozoz tat-triq fuq arblu.  Minkejja dan, l-uffiċċju xorta waħda jressaq ir-rapport lill-entità konċernata iżda wieħed jifhem li ma nkunux nistgħu ngħarrfu lura fiex ikun wasal sakemm ma nsibux koperazzjoni mingħandhom.

Bħala servizzi diretti u maġġuri l-Kunsill jieħu ħsieb dawn li ġejjin:

- Tindif u manutenzjoni tat-toroq urbani u rurali;
- Tindif u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u playing fields;
- Dawl tat-toroq ġodda u manutenzjoni ta' dawk installati mal-ħitan, fin-nofs jew dawk li jkunu saru mill-Kunsill;
- Manutenzjoni ta' tabelli u marki tat-toroq;
- Manutenzjoni u tindif ta' latrini pubbliċi;
- Ġbir ta' skart goff;
- Ġbir ta' skart domestiku li issa bħala kuntratt għadda f'idejn il-kumitati reġjonali;
- Jorganizza attivitajiet kulturali u jippromwovi l-lokalità;
- Jorganizza attivitajiet sportivi u inizjattivi edukattivi;
- Servizz ta' librerija;

Dawn m'humiex il-funzjonijiet kollha imma mhux il-post li wieħed jidħol fid-dettall fuq kull funzjoni anki għaliex ħafna mill-kumplament ikunu jeħtieġu involviment minn awtoritajiet ċentrali u ħafna ħafna aktar fondi. Għal dawk li jinteressahom dawn jinsabu f'artiklu 33 tal-liġi tal-Gvern Lokali.

Matul is-sena konna qed nagħmlu mill-aħjar biex dawn is-servizzi naqduhom bl-aħjar mod possibli. Ma wasalniex fejn xtaqna u nemmnu li hemm lok għal aktar. Forsi għandna t-tendenza li nimmiraw qrib lejn il-perfezzjoni iżda jkun żball u inġust jekk meta nevalwaw il-performance ma nikkunsidrawx ir-riżorsi limitati li l-Kunsill għandu, mhux biss fondi iżda anki riżorsi umani li matul is-sena kienu biss 5 filwaqt li sar impjieg ieħor lejn l-aħħar tas-sena. Biex nevalwaw irridu naraw x'qed jagħmel u fejn wasal ħaddieħor li huwa fuq l-istess livell, ifisser tqabbil ma' Kunsilli Lokali oħrajn. Minn dak li wieħed jara b'għajnejn f'lokalitajiet oħrajn li huma kbar u fuq l-istess livell ta' popolazzjoni, huwa evidenti li n-Naxxar jinsab sejjer tajjeb ħafna. Infatti f'laqgħa li kellna mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor Alison Zerafa Civelli, li hija persuna li minħabba xogħolha qed tifli bir-reqqa dak li qed isir mill-Kunsilli Lokali kollha, ddeskriviet lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar bħala eżempju għal Kunsilli oħrajn u li huwa Kunsill ta' eċċellenza.

Filwaqt li napprezzaw dawn ir-rikonoxximenti, ma nieqfux hemm u nibqgħu kommessi li anki nagħmlu dak li xi drabi jidher impossibli.

**Inizjattivi, Xogħlijiet u proġetti**

Jekk inħarsu ftit lejn l-inizjattivi li ttieħdu mill-Kunsill, apparti dak li semmejna diġà, insibu dan li ġej:

**Attivitajiet**

Kif semmejt diġà l-Kunsill organizza attivitajiet marbuta mal-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità li kienu jikkonsistu f'wirja ta' karozzi elettriċi u attivitajiet sportivi.

Il-Ħadd ta' qabel il-festa żammejna l-appuntament annwali biż-żjara tal-President ta' Malta biex l-għaqdiet kollha jingħaqdu u joffru donazzjoni lill-Malta Community Chest Fund. Din is-sena kien imiss li ssir fis-sede tal-Banda Peace.

Ta' kull xahar, flimkien maċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Anzjani, tkun organizzata ħarġa għall-anzjani.

Din is-sena ġie mibdi proġett ta' networking li kien ilu sentejn approvat mill-Unjoni Ewropea li iżda kellu jkun sospiż minħabba l-pandemija. Dan il-proġett bl-isem DEVICE għandu l-iskop li jevalwa u jsib mezzi kif iħeġġeġ u jgħin il-ħidmiet volontarji.

Saret attività tas-sajf fil-Pjazza bil-kollaborazzjoni tan-Naxxar Lions u assistenza finanzjarja mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

Kienu organizzati aktar korsijiet diversi.

Bqajna norganizzaw il-klassijiet tal-fitness u yoga.

F'Ottubru reġa kellna stedina għall-Festival Internazzjoni tal-Folklore fi Strumyani. Matul iż-żjara kellna numru ta' diskussjoni kif nistgħu nikkollaboraw aktar b'mod li jibbenefikaw iż-żewġt ibliet.

Komplejna kemm stajna nikkollaboraw mal-għaqdiet bl-aħjar mod possibli, inkluż anki assistenza forma ta' reklamar. Mhux l-inqas li kkolaborajna bis-sħiħ mal-grupp tal-iscouts li nselmilhom u nirringrazzja lil-leaders tagħhom għall-impenn u l-organizzazzjoni tagħhom.

Fil-11 ta' Diċembru, Jum in-Naxxar, organizzajna attività li kienet kollha kemm hi ddedikata lill-mibki Dun Anton Xiberras. Għal din l-okkażjoni l-Kunsill ippubblika ktejjeb dwar il-ħajja ta' Dun Anton b'kitba tal-Maestro Manoel Pirotta. Fl-istess lejla l-Kunsill onora numru ta' persuni li għamlu suċċess jew ħidma b'risq in-Naxxar matul is-sena. Il-qofol intlaħaq bl-għoti ta' Ġieħ in-Naxxar li din is-sena ngħata lis-Surmast Lino Pirotta.

F'Diċembru kellna wkoll stedina fi Sqallija bil-ħsieb li jkun hemm kollaborazzjoni bejn in-Naxxar u Scicli. Din iż-żjara kienet iffinanzjata mill-Confcommercio Sicilia bħala parti minn ħidma biex iqarrbu l-kummerċ bejn Malta u Sqallija. Kien żjara li ngħatat ħafna pubbliċità mill-media sqallija.

L-attivitajiet marbuta mal-Milied kienu xi ftit inqas mis-soltu iżda kienu aktar iffukati fuq ir-residenti tal-lokal. Il-Kunsill jirrikonoxxi li f'pajjiż żgħir li kullimkien viċin, ma tistax tikkompeti ma' avvenimenti Nazzjonali li jsiru per eżempju l-Belt Valletta. Għalhekk ir-riżorsi limitati tal-Kunsill intużaw aħjar billi saru attivitajiet iżgħar iżda bl-akbar involviment possibli tal-komunità inkluż tat-tfal. Saret kollaborazzjoni anki mal-iskola primarja biex ħarġu mijiet ta' tfal iferrħu lill-komunità b'kant tal-Milied. Kellna attivitajiet quddiem il-Kunsill u anki kant u wirja ta' dawl fil-Pjazza.

**Xogħlijiet ta' manutenzjoni**

Diffiċli noqgħod insemmi l-manutenzjoni kollha li ssir izda tajjeb wieħed japprezza li x-xogħol ma jsirx waħdu. Apparti xogħlijiet maġġuri li jsiru mill-kuntratturi, il-Kunsill Lokali għandu biss żewġ persuni fuq bażi ta' kuntratt part-time biex ilaħħqu mal-ammont ta' manutenzjoni meħtieġa. Forsi jirrealizzaw il-kobor tan-Naxxar li ma jinkludix biss iċ-ċentru iżda jestendi saħansitra sal-Magħtab, Baħar iċ-Ċagħaq u s-Salina. Dawn jagħmlu kull tip ta' xogħol inkluż tabelli, marki tat-toroq, tiswijiet u tant xogħlijiet oħrajn.

Ma nistax ma nsemmix ukoll l-isfortuna ta' nies bla kuxjenza li jieħdu gost jivvandalizzaw postijiet li huma tal-poplu. Ħa mix-xogħol u spejjeż li jsiru jkun biex nirranġaw fejn jitkisser b'kapriċċ. Ħafna jsemmulna l-cameras iżda camera ma tiswa xejn jekk in-nies ma jingħarfux! Apparti kemm trid riżorsi biex toqgħod tiċċekkja! L-aktar mod effettiv huwa li kulħadd ikun il-gwardjan tal-propjetà pubblika u ma jiddejqux iwissu lil min jaraw jagħmel il-ħsara. Jekk tidħol din il-kultura, dak li jkun aktar jibża jagħmel il-ħsara.

**Il-problema tal-karavans**

Sfida mhux mistennija li kellna kienet dik ta' applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar minn Instrastructure Malta biex jagħmel caravan site fi Triq il-Kosta. Dwar din sejjaħna laqgħat u anki pprotestajna fil-post, liema protesta ngħatat prominenza fil-media. Grazzi għall-ħidma tal-Kunsill din l-applikazzjoni ġiet irtirata. F'laqgħat li kellna kemm mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u anki mal-Ministru tat-Turiżmu, ġejna mwegħda li l-Gvern se jkun qiegħed jaħdem biex jindirizza din il-problema.

Problema li kkonċernat ħafna lill-Kunsill Lokali kienet is-sitwazzjoni tan-Naxxar Lions Football Club. Dwar dan saret laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni u Sports fejn saret insistenza biex tinstab soluzzjoni.

**Laqgħat oħra**

Ma naqsux ukoll numru ta' laqgħat inkluż waħda riċenti mal-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Bernard Grech li ttieħed iżur proġetti li saru u li jinsabu fil-proċess tat-tlestija.

Tul is sena s-sindku jkollha bosta laqgħat ma' individwi varji, fost dawn konkorrenti li jkun qed jirrappreżentaw lin-Naxxar f'konkorsi ta' sbuħija.

**Proġett ta' ġnien u bandli fi Triq tal-Labour**

Kif semmiet is-Sindku qabli kien hemm intoppi fuq applikazzjoni għal ġnien u bandli lejn nofs Triq tal-Labour. Ngħid aktar milli ntoppi għaliex kien hemm reżistenzi minn min ippretenda li ma jsirx kif ippjanat bil-ħsieb li xi darba l-art f'ODZ biswit tinbena. Minkejja li l-applikazzjoni ġiet milqugħa sar ukoll appell minn Central Asphalt u għadna għaddejjin b'dan l-appell.

Għal dawk li jaħsbu li l-affarijiet isiru malajr ninforma li din l-applikazzjoni kienet sottomessa f'Diċembru tas-sena 2020, sentejn ilu, u validata fil-bidu tas-sena 2021. Dan biex wieħed jifhem li ma jkun qatt ippjanat biex proġetti jitħallew lejn l-aħħar ta' xi leġiżlatura.

**Studju tat-traffiku**

Bħala parti minn eżerċizzju biex il-Kunsill jara kif se jnaqqas it-traffiku, bl-għajnuna tar-Reġjun Tramuntana l-Kunsill imbarka fuq studju xjentifiku biex jara l-poplu tagħna kif jaħsibha u l-prattiċi tiegħu fir-rigward ta' trasport. Dan l-istudju għadu kemm tlesta u se jkun ippreżentat lill-Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin.

**Outdoor gym fis-Sgħajtar**

Proġett li kellu jieħu żmien aktar milli xtaqna kien il-bini ta' outdoor gym. Dan jinsab fl-aħħar fażijiet tiegħu u se jkun inawgurat fil-5 ta' Marzu. Ix-xogħol li fih ftit li xejn jidher minħabba li wieħed ma jassumix li biex kabbarna ż-żona, bnejna kamra isfel biex biha użajna spazju li kien moħli fit-triq u li tista' tintuża maħżen, u allura irbaħna aktar spazju fuq. Għal dan il-proġett, li sewa total ta' Eur226,000, se nkunu qed ningħataw Eur121,000 mill-Awtorità tal-Ippjanar permezz tad-Development Planning Fund.

**Il-mitħna tal-għaqba**

L-aħħar proġett li xtaqt nagħlaq bih huwa dak tal-Mitħna tal-għaqba, proġett li se jagħmel lin-Naxxarin kollha kburin. Iva, kultant inħossu li ħadilna saħħitna iżda ma jiddispjaċina xejn li se nkunu qed nagħtu lin-Naxxar ġojjell mill-isbaħ.

Jekk ma jinqala' xejn se tkun qed tiġi inawgurata f'April u allura wieħed se jkun jista' japprezza l-ammont ta' xogħol li sar. Ma niddejjaq xejn ngħid li meta tara x-xogħol kollu li sar, l-ebda mitħna oħra f'pajjiżna ma hija daqshekk awtentika. Biżżejjed ngħid li qabel ma sar il-mekkaniżmu saret analiżi ta' kull biċċa fdal tal-injam antiki. B'hekk stajna, minkejja l-istat tal-istess injam, nistabbilixxu t-tip ta' injam u nħadem kollox fuq dak li kien hemm fl-antik. Il-kobor ta' injam li fiha huwa impressjonanti li la ritratti u lanqas filmat ma jagħmlu ġieħ; tista' tapprezza biss jekk iżżurha.

L-iskop tal-mitħna huwa li tkun ċentru ta' kultura u post turistiku u allura l-Kunsill se jkun qiegħed joħloq opportunità lill-artisti lokali biex jesebixxu l-wirjiet artistiċi tagħhom.

***KONKLUŻJONI***

Semmejna ħafna xogħlijiet, proġetti u inizjattivi; żgur li fadal xi nsemmi. Konvint li se jkun hemm min jaħseb li l-kunsill seta' għamel xi ħaġa differenti minn dak li għamel. Jista' jħoss li ċertu infiq kien żejjed jew kappriċċ. Dan ir-raġunament jiddependi ħafna mis-setturi li dak li jkun l-aktar jinteressah. Ma tistax ma tifhimx lil dak li jkun. Ma jfissirx li jkun raġunament ħażin iżda wieħed irid japprezza li l-Kunsill ikun irid li:

1) B'dak li jagħmel jolqot l-akbar firxa wisgħa possibli tal-komunità;
2) Iħares il-quddiem fit-tul b'mod, li meta jkun hemm miri fuq bażi long term, il-Kunsill irid jibda jaħseb minn issa. Dawn aktarx li jkunu inizjattivi li għall-bidu jistgħu isibu reżistenza li però ikunu meħtieġa u finalment aċċettati;
3) Jaħseb ukoll fin-negozji u fl-għaqdiet;
4) Irawwem soċjetà aġġornata u kulturata;
5) Irawwem soċjetà inklussiva.

Faċli? Ċertament li le. Iżda l-Kunsill għandu d-dmir li jieħu l-aħjar deċiżjonijiet. Mhux biss, għandu wkoll id-dritt li jieħu d-deċiżjonijiet u dak id-dritt ħadd ma jista' jeħodulu. Sfortuna li xi drabi ssir wisq pressjoni fuq il-mezzi soċjali permezz ta' kummenti li ma jkunux infurmati jew sostanzjati. Nemmen li d-dritt tal-kelma ma jistax ikun mittiefes iżda kull wieħed u waħda minnha għandu jkun responsabbli biżżejjed biex dak li jikteb ikun ibbażat fuq il-verità, korrettezza u ġenwinità. Min jaqbad u jikkummenta bla ħsieb, kemm fit-tajjeb u kemm fil-ħażin, ħsara biss jagħmel u jwaqqa' fit-tentazzjoni lil dawk li għandhom id-dmir li jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet, li jsiru populisti.

Ejjew mela verament naħdmu flimkien biex nevolvu, ninbidlu u nimxu l-quddiem; jekk ma ninbidlux nistaġnaw.

**Paul Gatt**

Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **Post:** | **Kunsill Lokali in-Naxxar** |
| **Data:** | **17 ta' Frar 2023** |
| **Ħin:** | **14.05 - 16.15** |
| **Preżenti:** | **Is-Sindku, Il-Kunsillier Joe Spiteri, Il-Kunsillier Noel Gatt (sostitu tal-Kunsillier Marlon Brincat), is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg (uffiċjal tal-Kunsill)** |

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

| **Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjoni tal-Kumitat*** |
| Dan il-każ ġie riferut lil dan is-sottokumit mill-Kumitat tal-Finanzi. | | Skema għall-Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita' - SPI.SCI.3.2020 #23605 - Is-sottokumitat ġie mitlub biex iressaq il-proposti tiegħu. Għandu jikkunsidra wkoll proposti bl-istess għan tal-iskema u li mhux neċessarjament li joħorġu mid-dokument tal-proġett slow streets. Jekk isir hekk ikun irid jintalab permess mid-Dipartiment. | | Isir applikazzjoni biex isiru 1. Il-*pelican lights* mal-*crossing* il-ġdida fi Triq Kapella ta' Santa Marija (mhux inkluż fi Slow Street); 2. Isir proġett fi Triq P H Skippon hekk kif propost fil-proġett Slow Streets. |
| 12307 | 53825 | Received an application from TM regarding a less than 2 metre sign (width) at the last part of Alley 6 in Pjazza Vittorja. Reason being is too narrow for machinery to maneuver | Vittorja (Sqaq Nru. 6) | Approvata. |
| 12314 | 54029 | Request for a **no motorbike sign**. The concrete floor is already fragile as it is, with the issue we had with the old drainage system crumbling in the past. The alleys are also very narrow, so each time they also risk breaking the pots and plants when turning. This person is referring to food delivery motorbikes coming into the alley. | Santa Lucija (Sqaq Nru. 04) | Mhux approvata miħabba li jinħoloq preċedent. |
| 12326 | 53682 | Request for Unloading Bay infront of Kimchi Restaurant in Pjazza Vittorja. | Vittorja | Jintalab il-ħin li fih qed tkun mitluba l-un/loading u min qed jitlobha jipproponi post fejn tista' ssir. |
| 12327 | 54197 | Request for extension of the sidewalk to provide more space or the installation of bollards to protect the restaurant's terrace (Kimchi Restaurant, Pjazza Vittorja). | Vittorja | Mhux approvata fid-dawl li dak li qed jintalab huwa għall-użu privat tar-ristorant. Anżi l-Kunsill jitlob li l-istruttura tinżamm f'kundizzjoni tajba u li tkun tixraq mal-ambjent tal-pjazza. Oltre minn hekk jintalab li jitħalla passaġġ adekwat fuq li bankina li jippermetti l-bankina tintuża b'wheelchair u pushchair. |
| 12333 | 48327 | Riferenza ghal WO 12019 kien gie deciz li tigi kunsidrata mal-bagit li jmiss.   Talba ghal bank fit-Triq tal-Labour quddiem dar nr 41 Marija Bambina https://goo.gl/maps/js4nHaa3X8ByQaX98 . Dan il-bank ghandu jigi bit-tinda minhabba s-sigar li hemm fuq il-post. Meta kienu saru dawn it-tip  ta' bankijiet kienu gew jiswew 909EUR li jinkludi l-installazjoni | Labour | Jekk il-Kunsill għandu l-materjal biex isir il-bank, dan isir mill-handyman u jkun installat fejn mitlub. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12334 | 26499 | Isir dawl ma zebra crossing fit-Triq San Pawl (hdejn il-wellbee supermarket) | San Pawl | Fid-dawl li din iċċaqalqet minn TM, issir pressjoni ma TM biex issir minn TM. (kuntatt: Jeffery Curmi - CEOTransport Malta u tkun ikkopjata s-Sindku f'din il-korrispondenza) |
| 12338 | 54462 | Talba għall-Un/loading bay ġo Triq in-Nutar Debono, Naxxar mitluba minn Teak Touch ta' Triq il-Parroċċa. Il-ħinijiet mitlubin huma mit-Tnejn sal Ġimgħa, bejn l-4.00pm u 7.00pm<br>Is-Sibt bejn id-9.00am u 12.00pm. | Nutar Debono | Tintalab kjarifika għar-raġuni li għaliha qed tintalab. Il-ħinijiet mitluba mhumiex ħinijiet li fihom issir *delivery*. Jekk qed tintalab għall-użu tal-klijenti, is-sid għandu jkun infurmat li l-kiljenti ma jistgħux jipparkjaw fuq *un/loading bay* u dawn ikunu suġġetti għal taġrika jekk jagħmlu dan, |
| 12342 | 54443 | Talba ghal zebgha ta parking bays u MC bays fis-service road qrib Soleil court | Andrea Debono (Service Road) | Approvati. |
| 12345 | 53404 | to discuss possible basketball court locations in Naxxar from ticket #53404 | | Bħala Kunsill m'għandniex art fejn possibli jsir dan. |
| 12347 | 53868 | to discuss Refab lightblue partnerships's proposal re: adding small hermetic containers with specialized safety locks for the collection of used food oil. | | Il-Kumitat ma' qabilx ma din il-propsta u għalhekk m'approvax li ssir. |
| 12351 | 54715 | Talba ghal-intervent tal-Kunsill biex jitwahhlu dwal apposta li jdawlu l-faccata tal-knisja. Minn naha tal-Knisja dhalna ghall-progett li ndawlu l-kampnar minn nahat kollha tieghu.<br>Dan id-dawl minbarra li jkompli ssebbah il-gnien bil-faccata tal-knisja mixghula, jdawwal iz-zuntier li bhalissa jinsab fid-dlam, minhabba li miz-zewg arbli li kien hemm (u li skont il-parir tal-Perit tal-Gvern, ghandhom jitnehhew ghax qed ikerhu l-faccata), wiehed tqaccat u l-iehor mhux jixghel. | Xambekk | Tintalab aktar informazzjoni dwar l-ispejjez involuti. |
| 12357 | 54764 | Proposta ghal Esproprjazzjoni tal-art Vjal il-Qalbiena Naxxar kantuniera ma Triq il-Bazilika (formerly known as Triq il-Kbira, Mosta). Ir-raguni li qed tintalab hi ghax min ikun qed jaqsam ma jarax karozza li tkun hierga minn Triq il-Bazilika biex tikser fuq ix-xellug ghal Vjal il-Qalbiena Mostin, Naxxar | Qalbiena Mostin | Din it-talba mhijiex fil-kompitu tal-Kunsill. Tali talba għandha tgħaddi għand l-Awtorità tal-Artijiet u Transport Malta -<br>Ir-resident għandu jkun infurmat b'dan. |
| | | Talba biex il-Bring in sites jiġu rikolati | Wesgħat il-Frott | Dan il-każ għandu jitla' għal dikussjoni waqt il-laqgħa tal-Kunsill. |
| | | Talba għal enforcement ħdejn il-muzew waqt il-ħinijiet tal muzew | Castro | Nitolbu lill-Pulizija u LESA sabiex ikunu preżenti fuq il-post. |

**Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi**

**Data:** 17 ta' Frar 2023

**Ħin:** 1.00pm-2.00pm

**Preżenti:** Is-Sindku, l-Kunsillier Noel Gatt (sostitut tal-Kunsillier Brincat), is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg (Uffiċjal tal-Kunsill). Il-Viċi Sindku ma kienx preżenti għal din il-laqgħa.

**Post:** Kunsill Lokali in-Naxxar

---

1. **Talba għal ħlas ta' danni 015/22 - €330;**

   1.1 Il-Kumitat qies l-evidenza bħal suffiċjenti b'mod li tikkonferma li l-ħsara saret kif irrapurtat u għalhekk il-Kumitat jirrakomanda li jsir il-ħlas.

2. **Talba għal ħlas ta' danni 014/22 - €260;**

   2.1 Il-Kumitat qies l-evidenza bħal suffiċjenti b'mod li tikkonferma li l-ħsara saret kif irrapurtat u għalhekk il-Kumitat jirrakomanda li jsir il-ħlas.

3. **Talba għal ħlas ta' danni 012/22 - €215;**

   3.1 Il-Kumitat qies l-evidenza bħal suffiċjenti b'mod li tikkonferma li l-ħsara saret kif irrapurtat u għalhekk il-Kumitat jirrakomanda li jsir il-ħlas.

4. **Talba għal ħlas ta' danni 001/23 - €55;**

   4.1 Il-Kumitat innota li ma kienx hemm evidenza li każ seħħ fejn allegat.

   4.2 Il-Kumitat talab aktar evidenza sabiex ikun jista' jirrikonsidra dan il-każ.

5. **Talba għal ħlas ta' danni 002/23 - €185;**

5.1 Il-Kumitat innota li m'hemmx biżżejjed evidenza li l-ħsara saret fuq il-post allegat.

5.2 Il-Kumitat talab aktar evidenza sabiex ikun jista' jirrikonsidra dan il-każ.

6. **Talba għal ħlas ta' danni 003/23 - €115;**

6.1 Il-Kumitat qies l-evidenza bħal suffiċjenti b'mod li tikkonferma li l-ħsara saret kif irrapurtat u għalhekk il-Kumitat jirrakomanda li jsir il-ħlas.

7. **Taħriġ fil-*proofreading* minn waħda mill-impiegati - €900;**

7.1 Is-SE informa lill-Kumitat li waħda mill-impjegati kienet se tieħu taħriġ fil-*proofreading.* Fid-dawl li dan it-taħriġ se jkun ta' gwadan għax-xogħol fil-Kunsill, is-SE issuġerixxa li dan il-kors jiġi mħallas mill-Kunsill.

7.2 Il-Kumitat approva.

8. **Manutenzjoni urġenti taċ-Ċentru Ċiviku;**

8.1 Is-SE informa li fl-aħħar maltemp daħal ammont ta' ilma minn diversi bnadi u kkaġuna ħsarat.

8.2 Huwa għamel spezzjoni tal-bejt ma' wieħed mill-*handymen* u sabu li kien hemm bżonn ta' ammont kbir ta' manutenzjoni. F'dan l-istadju ma kienx possilbli li tkun kwantifikata l-ispiża involuta.

8.3 Il-Kumitat qabel li jitlob lil *handymen* tal-Kunsill jgħamlu dan ix-xogħol bi ħlas addizjonali mingħajr ma jtellfu mill-ġurnata normali tax-xogħol tagħhom.

9. **Peace Band Club request for sponsorship - €200** #55042

9.1 Il-Kumitat iddiskuta talba li waslet għand il-Kunsill għall-għajnuna f'kunċert li se jittella mill-Peace Band Club fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa..

9.2 Il-Kumitat qabel li jikkolabora skont kif mitlub.

**10. Skema għall-Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita' - SPI.SCI.3.2020 #23605**

10.1 Is-SE fakkar lill-Kumitat li din kienet skema li ħarġet fl-2020 u li l-Kunsill kien applika għaliha biex jimplimenta partijiet mill-proġett Slow Streets. Informa li kien sar tentattiv mill-AKL biex jingħaqdu r-riżorsi iżda jidher li ma waslitx. Il-Kunsill ukoll kien applika ma' TM għall-fondi fl-aħħar tas-sena bil-ħsieb ikun li jingħaqdu l-fondi u jsir proġett aħjar. Però s'issa għad ma kienx riżultat tal-applikazzjoni.

10.2 Is-SE spjega wkoll li kien mitlub mid-Dipartiment, informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' dan il-proġett u li jekk il-Kunsill ma kienx se jimplimenta l-proġett id-Dipartiment ma jkollux alternattiva li jitlob il-fondi lura.

10.3 Il-Kumitat qabel li għandu jieħdu deċiżjoni malajr kemm jista' jkun biex jimplimenta miżuri li joħolqu miżuri tat-traffiku għal aktar aċċessibilità fil-toroq. F'dan ir-rigward kien hemm qbil li dan il-punt jiġi diskuss mis-sottokumitat tat-talbiet u lmenti biex jgħaddi r-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill.

Il-Laqgħa ntemmnet fis 14.05.

---

**Paul Gatt**

Segretarju Eżekuttiv